*- INTERPRETAZZJONI TA' SKRITTURA –*

*- ARTIKOLU 1002 TAL-KAP 16 -*

*- ANNULLIBILITA' TA' SKRITTURA –*

*- IMGHAX TA' TMIENJA FIL-MIJA -*

*- ARTIKOLI 986 (2) U 1852 (1) (2) (3) TAL-KAP 16.*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 40**
**Citazzjoni Numru: 964/93/RCP**

**L-Avukat Dr. Alex Perici Calascione bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Banca Agricola Etnea S.p.a.**

**vs**

**George Rizzo u b'digriet tat-3 ta' Frar 1994 Dr. Rachael**

**Spiteri Bonello u P.L. Vera Lungaro Mifsud gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti George Rizzo, u b'digriet tal-20 ta' April, 1998 Susan Rizzo, mart l-istess George Rizzo giet ammessa tintervjeni *in statu et terminis.***

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 u 3 tal-process fejn l-attur nomine ppremetta :

Illi s-socjeta attrici kienet ikkoncediet facilitajiet bankarji fil-15 ta' Frar, 1990 lis-socjeta estera Rizzo International s.p.a., ghall-import ta' Liri Italiani 1,400,000,000 kif soggetta ghall-interessi bankarji, taht, *inter alia*, il-kundizzjoni ta' garanzija personali solidali li kellha tigi moghtija mill-konvenut, liema self effettivament ittiehed, kif jirrizulta mill-annessi *statements of account* tas-socjeta Rizzo International s.p.a., hawn ezibiti w mmarkati Dok 'A' u Dok 'D' ;

Illi tali garanzija personali fil-fatt giet debitament moghtija u

pprovduta mill-intimat favur is-socjeta' attrici kif jirrizulta mill-anness strument ta' garanzija, hawn esebit u mmarkat Dok 'E' ;

Illi in segwitu ghal koncessjoni ta' tali facilitajiet bankarji, l-imsemmija socjeta Rizzo International s.p.a., naqset milli thallas lura l-ammont hekk misluf kif precedentement patwit, u baqghet hekk moruza fil-pagament nonostante l-fatt li giet debitament interpellata ghal dan l-iskop ;

Illi ghaldaqstant is-socjeta konvenuta ipprocediet sabiex, *ai termini* tal-istrument ta' garanzija lilha moghti u rilaxxat mill-konvenut, tinterpella lill-istess konvenut biex ihallas hu dan l-ammont hekk dovut, fil-kwalita' tieghu ta' garanti personali solidali, u dan kif jirrizulta mill-annessa dikjarazzjoni rilaxxata mill-Banca Agricola Etnea s.p.a. hawn esebita u mmarkata Dok 'F' ;

Illi minkejja tali interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk gie debitament informat illi kienu sejrin jigu istitwiti fil-konfront tieghu proceduri gudizzjarji ghall-pagament effettiv tal-import kollu tas-self maghmul, piu' l-interessi dovuti kollha sal-hlas effettiv, u dan kif jirrizulta mill-annessa Telegramma, hawn esebita w immarkata Dok 'G' ;

Illi anke wara tali interpellazzjoni ultima, l-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut, li twieled Malta fl-24 ta' Marzu, 1959, hu residenti Taormina, Sicilia (minn fejn jirrizulta minn ricerki li saru li m'ghandu ebda proprjetajiet, u dan skond certifikat ta' ricerki hawn anness u ezibit u mmarkat Dok 'H'), pero' hu cittadin Malti w *inoltre*, minn ricerki maghmula fuqu, liema ricerki huwa hawn annessi w ezibiti w immarkati Dok 'I', jirrizulta illi huwa l-proprjetarju tal-fond bl-isem ta' Villa Lagonda, bil-*garage* u *swimming pool*, mibnija fuq plot 19, Torreggiani Gardens, fi Triq Gdida bla isem, formanti parti mill-artijiet Ta' Ghirxa, sive tal-Qajjarun, High Ridge, il-Madliena, limiti tal-Gharghur.

Illi l-istess attur *nomine* talab li l-konvenut jghid ghaliex din l-Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-hlas tas-somma (ekwivalenti f'Liri Maltin) ta' miljard u erba' mitt miljun Liri Taljani (Lit 1,400,000,000), piu' interessi dovuti mid-data tas-self sad-data tal-hlas effettiv tal-istess, u dan in kwantu huwa garanti personali solidali mas-socjeta estera Rizzo International s.p.a., ghal tali hlas, kif fuq permess;

2. Tikkundannah li jhallas lill-attur noe s-somma (ekwivalenti f'Liri Maltin) ta' miljard u erba' mitt miljun Liri Taljani (Lit 1,400,000,000) piu' interessi dovuti mid-data tas-self sad-data tal-hlas effettiv tal-istess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2870/93 ; tal-Mandat ta' Sekwestru ta' impediment

Kawtelatorju numru 2864/93 (k) Nru 2863/93 (k) u bl-interessi kif fuq specifikat u mitluba, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process u d-dokumenti esebiti a fol. 7 sa fol 18 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjoniji tal-kuraturi konvenuti a fol. 43 tal-process fejn ecceppew :-

(a) Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirriservaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

(b) Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi konvenuti a fol. 44 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet Ulterjuri tal-istess kuraturi konvenuti a fol. 47 u fol. 48 tal-process fejn *inter alia* ecceppew illi:-

1. Illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni fuq il-konvenut *stante* li ma tirrikorri ebda wahda mill-ipotezijiet previsti mill-**artikolu 745 tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili**;

2. Subordinatament u bla pregudizzju li l-allegata

garanzija rilaxxata mill-esponent hija nulla skond il-ligi taljana, li tezigi *'ad validitatem'* li l-fidejussjoni testendi biss sa ammont massimu pre-stabilit u mhux, bhal kaz odjern, ghall-ammonti indefinit. Garanziji ghall-ammonti indefiniti gew dikjarati anti-kostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali taljana. L-esponent jirrizerva li jikkontesta l-kostituzzjonalita tal-'garanzija illimitata' u f'kull sedi opportuna.

3. Illi l-atturi ga ipprocedew kontra l-garanti principali f'gudizzju separat u ma jistghux jottjenu l-ezekuzzjoni tal-kreditu darbtejn.

4. Illi *inoltre*, l-attur ga ipproceda ukoll kontra ko-garanti (Moscella) fuq l-istess fidejussjoni, liema proceduri ghadhom pendenti.

5. Illi l-garanzija hija kontra l-ordni pubblika Malti, ghax tipprevedi interessi in eccess ta' tmienja fil-mija (8%);

6. Illi l-garanzija hija ukoll nulla ghax tipprevedi r-rinunzja ghall-beneficji akkordati mill-ligi Taljana lill-garanti (*clausoli leonini*) ;

7. Illi l-attur kellu favur tieghu garanzija bankarja ta' miljard liri Taljani ghall dan il-kreditu ta' Bank primarju (Barclays Bank tal-Isvizzera) li kolpozament jew dolozament naqas li jezigi, biex ikun jista idur fuq il-garanzija tal-esponent. Il-garanti kellu dritt jirrecedi mill-garanzija kieku gie nformat li

l-attur ma riedx jipprevalixxi ruhhu mill-garanzija konkorrenti tal-Barclays Bank favur tieghu.

8. Illi l-attur qieghed idahhal fl-operat tal-garanzija, mutwi kompletament godda maghmulin favur id-debitur principali wara li kienet giet sottoskritta l-garanzija.

9. Illi l-ewwel premessa tal-attur, cjoe' li huwa, fil-15 ta' Frar 1990 ikkonceda lid-debitur principali facilitajiet bankarji ta' Lit 1.400.000.000 hija kompletament infondata u inveritiera. Il-kont miftuh fis-6 ta' April, 1990, kopert mill-garanzija, huwa kompletament imhallas. Huma kontijiet ohra miftuhin mid-debitur principali wara li saret il-garanzija, li jistghu ma jkunux imhallsin.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti datat 26 ta' Mejju, 1995 a fol. 85 tal-process.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti datat 20 ta' April 1998 a fol. 178 tal-process fejn laqghet it-talba ta' Susan Rizzo mart il-konvenut George Rizzo ghall-intervenut fil-kawza *stante* li l-istess rikorrenti fil-fehma tal-Qorti ghandha interess fl-ezitu tal-kawza bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti mal-konvenut.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti, inkluz dak tal-21 ta' Marzu, 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti datata 23 ta' Frar 2000 fejn din il-Qorti ddecidiet li ghandha gurisdizzjoni f'din il-kawza u ghalhekk cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut George Rizzo.

Rat il-verbali tat-3 ta' Mejju 2000; tat-30 ta' Gunju 2000; tat-13 ta' Lulju 2000; tad-19 ta' Ottubru 2000; u tat-23 ta' Jannar 2001.

Rat l-affidavit ta' Avv. Carmel Pucci a fol. 225 tal-process u dokumenti hemm annessi ta' Dr. Antonio Ceola a fol. 236 tal-process.

Rat il-verbali tas-6 ta' Marzu 2001, 24 ta' Mejju 2001, 10 ta' Lulju 2001, 13 ta' Novembru 2001, 10 ta' Jannar 2001 fejn xehdu l-Avv. Carmela Pucci u Antonino Milone u l-attur ddikjara li ma ghandhux provi izjed. Inghata digriet tal-affidavit konvenut ta' erbghin (40) gurnata.

Rat l-istess xhieda ta' l-Avv. Carmela Pucci u Antonino Melilo tal-10 ta' Jannar 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2002 fejn la dehru l-konvenuti u lanqas il-kuraturi u minhabba dan u wkoll li l-istess konvenut u kuraturi ma pprezentaw l-ebda affidavit,

il-Qorti ddikjarat l-provi tal-konvenut u l-kuraturi maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2002. Aktar tard dehret Dr. Rachel Montebello li ddikjarat li kkomunikat mal-assenti skond ittra datata 10 ta' Awissu 1993 u ma rceviet ebda kommunikazzjoni.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit l-Avukat Carmela Pucci. Hija tghid illi bhal issa hemm pendenti proceduri penali fil-konfront tal-konvenut George Rizzo u tal-kumpanija S.r.l. Rizzo International '*per distrazione somme ed altri reati societari'* gewwa l-Italja. Din ix-xhud tkompli tghid illi fil-15 ta' Frar, 1990 il-Banca Agricola Etnea S.p.A. tat lil S.r.l. Rizzo International li tinsab f'Catania Via F. Crispi n.254 self ta' liri Taljani 1,400,000,000 u dan ghal zmien tmintax (18)-il xahar. Meta skada t-terminu s-socjeta S.r.l. Rizzo International kienet ghadha ma rrestitwietx il-flus lura. Illi ghalhekk bdew jittiehdu l-proceduri legali kollha kontra l-konvenut George Rizzo u kontra l-kumpanija S.r.l. Rizzo International. Dan kollu wkoll gie kkonfermat minn Dott. Antonio Ceola li huwa r-rapprezentant legali tal-Banca Antoniana Popolare Veneta

Soc. Coop per azioni a.r.l. li hadet taht il-kontroll taghha la Banca Agricola Etnea S.p.A.

Illi xehdet ukoll quddiem il-Qorti l-Avukat Carmela Pucci li kkonfermat illi hija l-avukat tal-Banca Agricola Etnea llum Banca Antoniana Popolare Veneta u dan sa mill-1975. Din ix-xhud filwaqt li tirreferi ghad-dokument immarkat bhala 'CB' (a fol. 245 *et seq*. tal-process) tghid illi din hija rikjesta mill-konvenut lill-Bank sabiex jottjeni s-self minnu mitlub.

Illi Id-Dok. 'CB 2 ' huma l-kundizzjonijiet ghal ghoti tas-self rikjest, ir-rati ta' l-imghax, meta kellu jigi restitwit lura s-self. Tghid illi t-talba ta' Rizzo kienet giet akkolta mill-Banca Agricola Etnea u di fatti l-fondi gew depozitati fil-kont kurrenti bin-numru 110183737.

IlLi d-Dok. 'CB3' esebit a fol. 251 *et seq*. tal-process hija l-garanzija li biha George Rizzo dahal responsabbli personalment ghal Rizzo International S.r.l. Din giet iffirmata f'Taormina fit-22 ta' Frar, 1990. F'dan id-dokument pero' ma hemmx indikat l-ammont li ghalih kien qieghed jaghmel tajjeb personalment George Rizzo, pero' jinghad illi huwa kien qieghed jaghmel tajjeb ghan-negozju (rapporti) ma' l-imsemmija bank.

Illi d-Dok. 'CB 4' u Dok. 'CB 5' huma zewg skritturi minn fejn jirrizultaw il-kundizzjonijiet tas-self, u z-zmien li fih kellu jithallas dan is-self maghmul. Tghid din ix-xhud illi l-pagament effetwat mill-Banca Agricola Etnea lil Rizzo

International S.r.l. ghadu ma thallasx lura. Tghid illi kien hemm xi nkontri bejn il-kontendenti bl-isperanza illi l-konvenut jhallas l-ammont dovut. Tghid ukoll illi dan George Rizzo kien wieghed illi ser jhallas l-ammont dovut, pero' minkejja dan qatt ma thallas xejn. Minn dawn iz-zewg dokumenti jirrizulta illi kien hemm zewg somom ta' flus mislufa. Wahda ta' seba' mitt miljun liri Taljani (Lit 700,000,000) - Dok. 'CB 4' u ohra ta' hames mitt miljun liri Taljani (Lit 500,000,000). B'hekk l-ammont misluf kien ta' miljard u mitejn miljun liri taljani (Lit 1,200,000,000).

Illi d-Dok. 'CB 6', 'CB 7' u 'CB 8' huma korrispondenza mibghuta mill-Banca Agricola Etnea lill-George Rizzo fost ohrajn fejn inghad illi t-terminu moghti ghal pagament tas-self maghmul kien skada u li jekk ma kienx jithallsu lura s-somom avvanzati b'titolu ta' self, flimkien ma' l-interessi relattivi, allura kienu ser jittiehdu proceduri gudizzjarji kontrihom.

Illi d-Dok. 'CB 13' huwa dokument *ai termini* ta' liema jirrizulta illi Rizzo International S.r.l. giet dikjarat falluta. Din is-socjeta ma ghamlet l-ebda pagament fil-konfront tas-self lilha maghmul. Din ix-xhud ukoll titkellem dwar Francesco Moschella li ukoll kien iffirma u ghamel tajjeb personalment ghas-self maghmul. Tghid illi ittiehdu xi proceduri kontra dan l-individwu u ghad hemm xi proceduri pendenti quddiem it-Tribunal ta' Messina pero' mill-assi li hemm, ma hemmx bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghas-somma mislufa u l-imghaxijiet relattivi.

Illi fir-rigward tal-konvenut George Rizzo tghid illi huwa l-Italja ma ghandu l-ebda proprjeta' u li l-unika proprjeta' li ghandu tinsab hawn Malta.

Illi xehed ukoll quddiem il-Qorti ix-xhud Antonino Milone fejn jghid illi huwa mpjegat fl-ufficju legali tal-Banca Antoniana Popolare Veneta. Dan ix-xhud jikkorrabora dak kollu li xehdet ix-xhud Avv. Carmela Pucci, u kif ukoll spjega d-dokumenti hawn fuq indikati kif ghamlet ix-xhud precedenti.

Illi l-kuratur konvenut ipprezentat u esebiet ittra mibghuta lil George Rizzo fl-10 ta' Awissu, 1993, ghal liema ittra ma kienx hemm risposta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement ippruvat illi s-socjeta Rizzo International S.r.l. li kienet inghatat b'titolu ta' self l-ammont ta' miljard u mitejn miljun liri Taljani (Lm1,200,000, 000) u dan fil-15 ta' Frar, 1990. Meta inghatat dan is-self, George Rizzo u Francesco Moschella kienu iggarantixxew l-pagament lura ta' dan l-ammont personalment. Illi mill-provi jirrizulta ukoll illi l-ebda pagament ma kien sar u ghalhekk l-ammont misluf originarjament, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi kienu u ghadhom dovuti.

Illi l-konvenuti kuraturi resqu diversi eccezzjonijiet li pero' l-ebda wahda minnhom ma gew issostanzjati u dan mhux

b'nuqqas taghhom izda b'nuqqas ta' l-istess konvenut George Rizzo li minkejja li gie nterpellat mill-konvenuti kuraturi sabiex jikkomunika maghhom, huwa baqa' inadempjenti.

Illi fil-fatt jinghad li huwa oneru tal-istess konvenut li jipprova dak minnu allegat kemm rigwardani fatti u kemm rigwardanti l-allegata ligi estera li huwa qed jirreferi ghalihom, izda l-ebda minimu ta' prova ma ngabet f'dawn l-atti processwali u ghalhekk ma hemmx dubju li l-konvenut ma ssodisfax l-oneru ta' prova mposta fuqu, ghaliex in verita' ma ressaqx provi in sostenn tal-istess eccezzjonijiet u dikjarazzjonijiet minnu maghmula minn fol. 47 sa fol. 50 tal-process.

Illi anke fir-rigward tat-tieni u tas-sitt eccezzjoni mressqa dawn ukoll ma jistghux jintlaqghu. Illi fl-ewwel lok ghaliex l-konvenut ma ressaq ebda provi ta' xejn f'dan ir-rigward u di piu' ma saret lanqas ebda kawza *ad hoc* sabiex din il-garanzija tigi dikjarata nulla u ghalhekk *in vista* tal-premess l-istess zewg eccezzjonijiet ma jistghux lanqas jigu milqugha minn din il-Qorti f'din l-istanza u fil-fatt mill-provi prodotti ma hemm xejn li jissostanzja l-istess eccezzjonijiet u ghalhekk anke taht dan l-aspett il-konvenut lanqas ssodisfa l-oneru ta' prova li huwa kollu kemm huwa impost fuqhu ovvjament fuq dak li qed jallega.

Illi taht dan l-aspett ta' allegata nullita' ta' ftehim jew skrittura l-Qorti wkoll tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza

fl-ismijiet **"Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lam"** (Vol XXX VI pt ii pg 585), u cjoe' li:-

*"hija gurisprudenza kostanti li meta l-kwistjoni hija ta' nullita', l-konvenut f'kawza jista jaghtiha b'eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita', ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni ad hoc* [ara wkoll Vol XXX VIII pt I pg 51]. *Ghalhekk, fin-nuqqas ta' gudizzju difinittiv il-Qorti ma tistax tissindika l-garanzija de quo"*.

Illi in verita' din il-garanzija mertu tal-kawza odjerna hija cara u ma thalli l-ebda lok ta' ambigwita. Fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Brincat et vs Anthony Saliba pro et noe"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-14 ta' Novembru 1993, il-Qorti kienet qalet li ma tista' tingieb l-ebda xhieda biex tigi spjegata skrittura li kienet cara u mhux ambigwa u dan.

Illi dan huwa biss konferma tal-principju generali tal-ligi u senjatament l-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** jghid illi "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*".

"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan**

**Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines”**).

Illi tkompli tghid din is-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell “*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti f’illi rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta’ att miktub u hi talvalta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b’mod ambigwu*” (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi intqal *inoltre* illi “*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f’kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*” (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza “**Beacom vs Spiteri Staines”** – ibid; “**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni” –** P.A. RCP. 12 ta’ Lulju 2001; ”**Anton Spiteri vs Alfred Borg”** – P.A. RCP. 30 ta’ Novembru 2000; “**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul” –** P.A. RCP 30 t’Ottubru 2001).

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali lanqas l-eccezzjonijiet l-ohra ma jirrizultaw gustifikati hlief ghal parti mill-hames (5) eccezzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati u cjoe’ dik l-eccezzjoni li tirrigwarda l-interessi. Peress illi din

is-sentenza eventwalment tista' tigi nfurzata hawn Malta, allura l-Qorti ghandha tara li l-imghaxijiet ikunu skond ma hemm indikat fil-Kodici Civili u senjatament kif hemm mahsub fl-**artikoli 986 (2) u 1852 (1) (2) u (3)** tal-**Kap 16**. Illi ghalhekk peress illi l-imsemmija dispozizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku, il-Qorti ma tistax tirratifikah f'dak li jirrigwarda l-eccess ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena bhala imghaxijiet ukoll jekk tali rata oghla giet accettata liberament mill-kontendenti nfushom. Jinghad pero' li dan il-fatt wahdu pero' xorta ma jaffettwax l-azzjoni odjerna.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjijiet kollha tal-konvenut, hlief il-hames (5) wahda dwar l-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) **tilqa t-talbiet attrici** b'dan illi :-

(1) Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghal hlas tas-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ghall munita taljana llum ezistenti skond ir-rata ta' kambju bejn il-Lira Maltija u l-munita Taljana prevelanti fid-data ta' din is-sentenza, liema somma hija ekwiparabbli ghas-somma ta' miljard u erba' mitt miljun liri taljani (Lit. 1,400,000,000) flimkien ma' l-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) dekoribbli mid-data tas-self sal-hlas effettiv u dan inkwantu l-istess debitu huwa in sostenn tal-garanzija personali solidali mas-socjeta estera Rizzo International S.p.A. ghall hlas tal-istess debitu.

(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur nomine is-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ghall munita taljana llum ezistenti skond ir-rata ta' kambju bejn il-Lira Maltija u l-munita Taljana prevelanti fid-data ta' din is-sentenza, liema somma hija ekwiparrabbli ghas-somma ta' miljard u erba' mitt miljun liri taljani (Lit. 1,400,000,000) flimkien ma' l-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) dekoribbli mid-data tas-self sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2870/93; tal-Mandat ta' Sekwestru ta' mpediment Kawtelatorju numru 2864/93 (k) Nru 2863/93 (k) u bl-interessi fuq indikati ta' 8% mid-data tal-istess self sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju, 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju, 2002.**